**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0144/2024 }**
**B9-0148/2024 }**
**B9-0151/2024 } RC1**

28.2.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B9-0144/2024 (PPE)
B9-0148/2024 (Renew)
B9-0151/2024 (ECR)

dwar is-sitwazzjoni kritika f'Kuba
(2024/2584(RSP))

**Gabriel Mato, Michael Gahler, Leopoldo López Gil, Paulo Rangel, Antonio López-Istúriz White**
f'isem il-Grupp PPE
**Javier Nart, Petras Auštrevičius, José Ramón Bauzá Díaz, Fabio Massimo Castaldo, Dita Charanzová, Olivier Chastel, Karin Karlsbro, Ilhan Kyuchyuk, Dragoş Pîslaru, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans**
f'isem il-Grupp Renew
**Anna Fotyga, Angel Dzhambazki, Ryszard Czarnecki, Hermann Tertsch, Assita Kanko, Elżbieta Rafalska, Bogdan Rzońca, Joachim Stanisław Brudziński, Elżbieta Kruk, Witold Jan Waszczykowski, Andżelika Anna Możdżanowska, Adam Bielan, Eugen Jurzyca, Carlo Fidanza, Waldemar Tomaszewski, Anna Zalewska**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni kritika f'Kuba (2024/2584(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar Kuba, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2023 dwar l-istat tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni (PDCA) bejn l-UE u Kuba fid-dawl taż-żjara reċenti tar-Rappreżentant Għoli fil-gżira[1],

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra[2] (PDCA), iffirmat f'Diċembru 2016 u applikat b'mod provviżorju mill-1 ta' Novembru 2017,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 4, 5 u 229 tal-Kostituzzjoni ta' Kuba u tal-Kodiċi Penali ta' Kuba,

– wara li kkunsidra d-definizzjoni ta' "organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili" f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra d-dokument ARES (2021) 2474104 tal-Viċi Direttur Maniġerjali tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għall-Kontinent Amerikan,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tas-16 ta' Diċembru 1966 u trattati u strumenti internazzjonali oħra fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-10 ta' Diċembru 1984, li Kuba hija Stat Parti għaliha,

– wara li kkunsidra r-rapporti minn organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, bħall-Human Rights Watch, il-Human Rights Foundation u l-Prisoners Defenders, il-Kapitolu IV.B dwar Kuba tar-rapporti annwali tal-2020, l-2021 u l-2022 tal-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (IACHR), il-komunikazzjoni tas-6 ta' Novembru 2019 lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar forom kontemporanji ta' skjavitù, inklużi l-kawżi u l-konsegwenzi tagħhom, u r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar it-traffikar tal-bnedmin, speċjalment nisa u tfal, fir-rigward tal-brigati mediċi Kubani, il-komunikazzjoni tat-2 ta' Novembru 2023 lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar forom kontemporanji ta' skjavitù, inklużi l-kawżi u l-konsegwenzi tagħhom, fir-rigward tal-brigati mediċi Kubani, u l-konklużjonijiet tal-Eżami Perjodiku Universali ta' Kuba tal-2018 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU f'dak li jikkonċerna l-brigati mediċi Kubani,

---
[1] Testi adottati, P9_TA(2023)0280.
[2] ĠU L 337 I, 13.12.2016, p. 3.

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tas-16 ta' Novembru 2023 maħruġa lil Kuba mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin, il-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-Detenzjoni Arbitrarja, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet għal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni u r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar kwistjonijiet tal-minoranzi,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fil-5 ta' Lulju 2017, il-Parlament ta l-approvazzjoni tiegħu għall-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni, b'kundizzjonijiet ċari marbuta mat-titjib tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija f'Kuba, li jinkludu klawżola ta' sospensjoni f'każ ta' ksur ta' dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi r-riżoluzzjoni ta' akkumpanjament talbet lill-awtoritajiet ta' Kuba jħallu lid-delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew jidħlu fil-pajjiż u jkollhom aċċess għall-interlokuturi tagħhom;

B. billi diversi artikoli tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u Kuba, jiġifieri l-Artikoli 1, 2 u 3, jistabbilixxu prinċipji ċari dwar l-ugwaljanza, ir-reċiproċità, ir-rispett reċiproku, it-tisħiħ tal-kuntatti, id-djalogu u l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ soċjetajiet; billi l-Parlament talab li s-SEAE jagħmel dak kollu possibbli biex jimmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali f'Kuba meta japplika l-PDCA; billi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali huwa essenzjali għall-UE;

C. billi l-għadd ta' priġunieri politiċi u priġunieri minħabba twemmin f'Kuba żdied b'mod drammatiku, u laħaq 1 066 fil-31 ta' Jannar 2024 (li jinkludi 33 minuri fiż-żmien tad-detenzjoni), li jikkostitwixxi żieda ta' tmien darbiet mill-2018 u żieda ta' 170 fl-aħħar 12-il xahar, ekwivalenti għal medja fix-xahar ta' aktar minn 14-il detenzjoni politikament motivata; billi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem iddokumentaw ukoll aktar minn 11 000 każ ta' kundanni "prekriminali" b'sentenzi medji ta' sentejn u 10 xhur mingħajr ma twettaq jew ma ġie attentat ebda reat, għadd irrappurtat mill-Ispeaker tal-Kumitat tan-NU Kontra t-Tortura (CAT) f'April 2022 fl-osservazzjonijiet verbali ta' Konklużjoni fit-73 Sessjoni tar-Rieżami Perjodiku tal-CAT dwar Kuba; billi f'dawn l-aħħar deċennji, l-Artikolu 72 tal-Kodiċi Ċivili ta' Kuba ippermetta medja ta' 3850 detenzjoni "prekriminali" ġdida kull sena; billi l-Artikoli 434.1 u 189.3 tal-Kodiċi Penali l-ġdid ta' Kuba jibnu fuq il-miżuri "prekriminali" li jinsabu fil-Kodiċi Ċivili;

D. billi n-NU diġà esprimiet it-tħassib tagħha dwar Kuba fir-rigward tad-detenzjoni u l-priġunerija ta' mexxejja reliġjużi fil-pajjiż; billi fis-16 ta' Novembru 2023, ħames detenturi ta' mandati u rapporteurs tal-Proċeduri Speċjali tan-NU bagħtu lil Kuba, komunikazzjoni li fiha ddeskrivew u kkundannaw il-prattiki sistematiċi tal-pajjiż fil-persekuzzjoni, il-priġunerija u t-tortura ta' pastors evanġeliċi u qassisin Kattoliċi, imams Musulmani u mexxejja reliġjużi Yoruba/Santería;

E. billi f'Jannar 2024 l-Istitut għar-Riċerka dwar il-Politika tal-Kriminalità u l-Ġustizzja aġġorna l-World Prison Brief fejn irrapporta żieda fl-għadd ta' priġunieri fuq il-gżira, li jfisser li Kuba issa tinsab fit-tieni post fid-dinja f'termini tar-rata ta' priġunerija tagħha; billi l-Gvern Kuban ikompli juża d-detenzjoni arbitrarja biex jagħti fastidju u jintimida

lill-kritiċi, lill-attivisti indipendenti, lill-avversarji politiċi, u lil oħrajn;

F. billi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem qed ikomplu jiddokumentaw ir-ripressjoni li għaddejja bħalissa fuq id-drittijiet tal-libertà ta' espressjoni, ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni fil-pajjiż u li l-awtoritajiet Kubani qed joħonqu l-ilħna li ma jaqblux u l-immirar tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; billi fl-2023 ġew dokumentati aktar minn 200 inċident ta' restrizzjonijiet fuq l-internet, inkluż hacking fil-kontijiet tal-ġurnalisti sabiex dawn jiġu msikkta u titrażżan il-libertà tal-espressjoni;

G. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'Kuba hija inkwetanti ħafna, b'mod partikolari fir-rigward tal-popolazzjonijiet vulnerabbli, bħan-nisa, il-minoranzi etniċi u l-komunità LGBTIQ+; billi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-osservatorji indipendenti jirrapportaw żieda fil-femminiċidji f'Kuba, bl-għadd ta' femminiċidji jiżdied għal 89 fl-2023 u tmien każijiet ġodda ġew irrappurtati s'issa fl-2024; billi minkejja dan, ir-reġim ma implimentax sistema għar-reġistrazzjoni tal-femminiċidji f'Kuba bl-użu ta' data pubblika aġġornata, u għadha ma ġietx adottata liġi komprensiva kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, li tiggarantixxi l-involviment tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili;

H. billi l-Parlament fakkar ripetutament lis-SEAE li l-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili indipendenti fid-djalogi politiċi u fil-proġetti ta' kooperazzjoni tal-ftehim hija parti essenzjali tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni, kif enfasizzat fl-Artikolu 36 tiegħu, u li għandu jkun hemm rimedju immedjat għas-sitwazzjoni li ilha għaddejja mill-iffirmar tal-ftehim fejn ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili indipendenti qed jiġu esklużi mill-fondi ta' kooperazzjoni u/jew mill-parteċipazzjoni fil-ftehim, filwaqt li, għall-kuntrarju, il-parteċipazzjoni u l-aċċess għall-fondi ta' kooperazzjoni huma permessi biss għall-kumpaniji li fihom l-Istat jipparteċipa jew jikkontrolla;

I. billi fit-2 ta' Jannar 2024, in-NU żvelat pubblikament l-ittra ta' akkuża mibgħuta lir-reġim Kuban li fiha akkużatha b'xogħol furzat, wieħed mill-forom ta' skjavitù moderna ddenunzjati mir-Rapporteurs Speċjali dwar it-Traffikar tal-Bnedmin u l-Iskjavitù; billi diversi organizzazzjonijiet internazzjonali ddenunzjaw il-fatt li l-ħaddiema ċivili Kubani li jservu barra mill-pajjiż, inklużi tobba, għalliema, baħħara, inġiniera, artisti jew atleti huma soġġetti għat-traffikar ta' bnedmin b'liġijiet u regolamenti koerċittivi b'mod inerenti li jaffettwaw libertajiet bażiċi espliċiti ferm, inklużi l-Artikolu 176 tal-Kodiċi Penali, ir-Riżoluzzjoni Mincex 368 tal-2020, il-Liġi dwar il-Migrazzjoni, u d-Digriet 306 tal-2012;

J. billi r-reġim gradwalment impost fuq Kuba jeskludi kwalunkwe prospett ta' tibdil demokratiku, peress li l-Artikolu 5 tal-Kostituzzjoni ta' Kuba jiddikjara li l-"Partit Komunista ta' Kuba uniku, Martí, Fidelista u Marxist-Leninist" huwa l-ogħla forza politika u l-mexxej tas-soċjetà u tal-istat, u peress li l-Artikoli 4 u 229 jistabbilixxu s-sistema politika attwali bħala irrevokabbli;

K. billi minkejja s-snin ta' insistenza dwar il-ħtieġa li ssir żjara lill-gżira, l-awtoritajiet Kubani jirrifjutaw b'mod sistematiku li l-kumitati uffiċjali, id-delegazzjonijiet u xi gruppi politiċi mill-Parlament Ewropew, l-organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u osservaturi indipendenti oħra tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-

bniedem, inklużi r-rapporteurs speċjali tan-NU, jitħallew jidħlu f'Kuba jew iżuru l-ħabsijiet;

L. billi fit-23 ta' Novembru 2023, il-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament Ewropew awtorizzat li tintbagħat delegazzjoni *ad hoc* f'Kuba wara ittra ta' stedina mill-Ambaxxatur ta' Kuba għall-Belġju u mill-Unjoni Ewropea datata l-20 ta' Settembru 2023; billi fid-19 ta' Diċembru 2023, il-Viċi President tal-Parlament Kuban informa lill-ambaxxatur għall-UE f'Kuba bir-rifjut tal-pajjiż li jirċievi d-delegazzjoni tal-Parlament bil-ġustifikazzjoni li "ma xtaqx żjara mill-Membri tal-Parlament Ewropew li jaħdmu kontra l-interessi ta' Kuba u huma kompletament allinjati mal-Istati Uniti"; billi l-Ambaxxatur tar-Repubblika ta' Kuba, f'ittra datata l-25 ta' Jannar 2024 indirizzata lill-President tal-Parlament Ewropew, irrefera għall-President tad-delegazzjoni ad hoc tal-Parlament Ewropew f'Kuba u għal żewġ membri oħra, bħala "li qed iżommu rabtiet maċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet inklużi fil-Lista Nazzjonali ta' persuni u entitajiet ... abbażi ta' atti ta' terroriżmu u jappoġġjawhom"; billi f'Novembru 2023, delegazzjoni tal-Parlament Kuban intlaqgħet fil-bini tal-Parlament Ewropew;

M. billi l-Parlament ta l-Premju Sakharov tiegħu għal-Libertà tal-Ħsieb lil attivisti Kubani fi tliet okkażjonijiet: Oswaldo Payá fl-2002, in-Nisa Libsin l-Abjad fl-2005 u Guillermo Fariñas fl-2010; billi r-rebbieħa tal-Premju Sakharov u qrabathom għadhom b'mod regolari jiġu ffastidjati, intimidati, u miżmuma milli jitilqu mill-pajjiż u jipparteċipaw f'avvenimenti internazzjonali; billi f'Ġunju 2023, l-IACHR kkonkludiet li aġenti tal-istat kienu direttament involuti fl-imwiet tal-attivisti tad-demokrazija Oswaldo Payá u Harold Cepero f'inċident tal-karozza fl-2012; billi għandu jkun hemm investigazzjoni kompletament trasparenti biex dawk responsabbli għall-qtil ta' Oswaldo Payá u Harold Cepero jitressqu quddiem il-ġustizzja;

N. billi l-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni ma laħaqx l-għan ewlieni tiegħu li jtejjeb il-libertajiet fundamentali f'Kuba;

1. Jiddispjaċih li minkejja ż-żmien li għadda mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni, is-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' demokrazija u libertajiet f'Kuba ma tjibitx, u li għall-kuntrarju, kien hemm deterjorament u aggravazzjoni ulterjuri tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-gżira, bi ksur ċar u sistematiku tad-dispożizzjonijiet bażiċi tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni;

2. Jisħaq fuq l-obbligu għall-partijiet kollha li jissodisfaw id-dispożizzjonijiet vinkolanti tal-PDCA u li jirrispettaw il-prinċipju tal-universalità tad-drittijiet tal-bniedem;

3. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-ksur u l-abbużi sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mir-reġim Kuban kontra d-dimostranti, id-dissidenti politiċi, il-mexxejja reliġjużi, l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u l-artisti indipendenti, fost l-oħrajn; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Kubani jtemmu minnufih il-politika ta' repressjoni; jikkundanna n-nuqqas ta' libertà reliġjuża f'Kuba;

4. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda allarmanti fl-għadd ta' priġunieri politiċi, li żdied b'aktar minn tmien darbiet mill-2018, u b'dan Kuba saret l-akbar ħabs għall-attivisti u d-dissidenti politiċi fl-Amerka Latina; jappella għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-individwi detenuti sempliċiment għax eżerċitaw id-drittijiet tal-bniedem tagħhom, inklużi d-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni u ta' għaqda paċifika;

jitlob, barra minn hekk, it-tneħħija ta' akkużi kriminali inġusti u jappoġġja l-faċilitazzjoni tar-ritorn ta' dawk fl-eżilju;

5. Jiddikjara inaċċettabbli li s-SEAE u d-Delegazzjoni tal-UE f'Havana qablu li jeskludu l-oppożizzjoni demokratika Kubana u l-organizzazzjonijiet indipendenti u leġittimi tas-soċjetà ċivili, kemm dawk Ewropej kif ukoll dawk Kubani, mid-djalogi politiċi minħabba n-nuqqas ta' approvazzjoni mill-awtoritajiet Kubani; ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Lulju 2023 li fiha ddispjaċih ħafna għall-fatt li l-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) ħela ċ-ċans li jappoġġja d-demokrazija permezz tas-soċjetà ċivili Kubana u l-priġunieri politiċi u li jibgħat messaġġ ċar dwar it-tħassib tal-UE rigward il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'Kuba;

6. Itenni l-appoġġ sod u bla kundizzjonijiet tiegħu għall-poplu ta' Kuba, għad-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem f'Kuba u għad-dedikazzjoni tagħhom li ta' min ifaħħarha favur il-libertajiet u d-drittijiet li r-reġim ta' Kuba ilu jiċħadhom minnhom għal deċennji;

7. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-eżistenza ta' xogħol furzat f'Kuba u jikkundanna x-xogħol furzat impost mill-Istat Kuban, b'mod partikolari fi brigati mediċi, iżda li jinvolvi wkoll għalliema, baħrin, inġiniera, artisti, atleti u oħrajn, li s-salarju tagħhom fil-biċċa l-kbira jiġi approprjat mill-Gvern Kuban; jiddenunzja l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-"voluntiera" fil-missjonijiet internazzjonali ddikjaraw li ġew skjerati kontra r-rieda tagħhom jew kellhom jipparteċipaw f'kundizzjonijiet strutturali koerċittivi;

8. Jinnota li f'Novembru 2023, il-membri tal-Parlament Kuban, inkluż is-Segretarju tal-Parlament Nazzjonali Kuban, Homero Acosta, ġew ittrattati b'rispett u ntlaqgħu tajjeb fil-Parlament Ewropew; jiddikjara l-esklużjoni kontinwa tal-Parlament Ewropew, li huwa l-unika istituzzjoni Ewropea miċħuda l-aċċess fit-territorju Kuban, bħala inaċċettabbli u ksur tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni; jirrifjuta d-deċiżjoni ta' Kuba li tiċħad żjara minn delegazzjoni ad hoc mill-Parlament u jħeġġeġ lill-awtoritajiet Kubani jaderixxu mal-prinċipji tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni u jagħtu lill-Parlament aċċess għall-pajjiż; jitlob li, f'konformità mal-prinċipji tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni ta' ugwaljanza, reċiproċità u rispett reċiproku, jiġu adottati miżuri simili li jiċħdu l-aċċess għall-bini tal-Parlament lil kwalunkwe rappreżentant tal-Assemblea Nazzjonali tal-Poter Popolari jew tar-reġim Kuban;

9. Jeżiġi li, f'konformità mal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni, l-awtoritajiet Kubani jagħtu aċċess lil delegazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-UE u tal-Istati Membri kif ukoll lill-organizzazzjonijiet indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem sabiex jissorveljaw il-proċessi u jżuru lill-mijiet ta' attivisti u lill-Kubani ordinarji li jibqgħu inkarċerati sempliċiment għax eżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà tal-espressjoni u tal-għaqda; jistieden lir-RGħ/VP, fi kwalunkwe kuntatt mal-awtoritajiet Kubani, jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-Parlament għal darb' oħra ġie miċħud l-aċċess u jħeġġiġhom ireġġgħu lura din id-deċiżjoni immedjatament;

10. Itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill biex japplika r-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem (l-Att Magnitsky tal-UE) u jadotta sanzjonijiet kontra

dawk responsabbli għall-ksur persistenti tad-drittijiet tal-bniedem f'Kuba, billi jibda mis-sanzjonar ta' Miguel Díaz-Canel, bħala l-aktar figura għolja fil-linja ta' kmand tal-forzi tas-sigurtà Kubani, flimkien ma' uffiċjali oħra ta' grad għoli fil-Gvern Kuban u dawk kollha responsabbli għall-inkarċerazzjoni tal-priġunieri politiċi;

11. Itenni t-talba tiegħu lill-UE biex tiskatta l-Artikolu 85(3)(b) tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni biex titlob laqgħa immedjata tal-kumitat konġunt minħabba l-ksur tal-ftehim mill-Gvern Kuban, li jikkostitwixxi "każ ta' urġenza speċjali", jissottolinja li dan il-ksur jinvolvi ksur persistenti u sostanzjali tal-prinċipji demokratiċi, kif ukoll nuqqas ta' rispett għad-drittijiet bażiċi tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali deskritti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u enfasizzati fl-Artikolu 1(5) tal-PDCA, u jisħaq li n-nuqqas tar-reġim Kuban li jindirizza tali trasgressjonijiet minkejja talbiet ripetuti mill-Parlament biex jagħmel dan għandu jwassal għas-sospensjoni tal-ftehim;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Gvern u lill-Assemblea Nazzjonali tal-Poter Popolari ta' Kuba, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem u lill-gvernijiet tal-membri tal-Komunità ta' Stati tal-Amerka Latina u tal-Karibew.